



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Lulju 2022
(OR. en)

9442/22

LIMITE

CORLX 489
CFSP/PESC 696
CSDP/PSDC 338
COAFR 128
CONUN 112
EUTM RCA 8
EUMAM RCA 2
EUTM MALI 10
CSC 240

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610
dwar missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea
fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' April 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/6101, li stabbiliet il-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) b'mandat sad-19 ta' Settembru 2018, 24 xahar wara li l-EUTM RCA laħqet kapaċità operattiva sħiħa.
- (2) Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1133², li estendiet il-mandat tal-EUTM RCA sad-19 ta' Settembru 2022.
- (3) Fit-12 ta' April 2022, abbażi tar-Rieżami Strateġiku Olistiku tal- EUTM RCA u tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA), il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) irrakkomanda li l-mandat tal-EUTM RCA jiġi estiż sal-20 ta' Settembru 2023. Fil-11 ta' Mejju 2022, il-KPS qabel li jenħtieġ li l-mandat tal-EUTM RCA jiġi aġġustat għas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.
- (4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni Konsultattiva Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1133 tat-30 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 247, 31.7.2020, p. 22).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "2. Filwaqt li taħdem biex tintlaħaq il-mira li l-Forzi Armati Ċentru-Afrikani (FACA) jsiru modernizzati, effettivi u responsabbli demokratikament, l-EUTM RCA għandha ttipprovdi:
- (a) pariri strateġiċi lill-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika Ċentru-Afrikana u lill-Persunal Ġenerali tal-FACA b'appoġġ għall-ħolqien ta' forzi tas-sigurtà kapaċi taħt kontroll demokratiku li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-istandards internazzjonali dwar kwistjonijiet dwar il-ġeneru, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (WPS) u l-aġenda dwar it-tfal u l-konflitti armati (CAAC), kif ukoll pariri lill-istabbilimenti ta' taħriġ għal uffiċjali kkummissjonati u mhux ikkummissjonati tal-FACA sabiex tinholq sistema edukattiva ta' tmexxija kapaċi;
 - (b) edukazzjoni għall-FACA foqasma mhux operattivi, inkluż id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali, kwistjonijiet dwar il-ġeneru, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (WPS) u l-aġenda dwar it-tfal u l-konflitti armati (CAAC);
 - (c) jekk il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jiddeċiedi li l-kondizzjonijiet huma ssodisfati, taħriġ lill-FACA;

(d) appoġġ għall-isforzi ta' komunikazzjoni strateġika biex jitrawmu l-valuri tal-Unjoni, tiġi promossa l-azzjoni tal-Unjoni u jinkixef il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali mill-forzi barranin fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.";

(2) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-EUTM RCA għall-perjodu mill-20 ta' Settembru 2022 sal-20 ta' Settembru 2023 għandu jkun ta' EUR 7 813 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509* għandu jkun 15 % f'impenji u 0 % għall-pagamenti.

* Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).";

(3) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-EUTM RCA għandha tintemm fl-20 ta' Settembru 2023.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
